# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar 2000**

**Numru 53**

**Citaz. numru** 1008/95 DS

Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Limited, u din bhala agent Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Invicta Limited, u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd, l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Invicta Limited

vs

Ronald Naudi u Philip Meli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Unispeed Shipping and Forwarding Limited, agenti Malta tas-socjeta' estera Traver S.R.L., trasportaturi tal-merkanzija de quo fuq il-bastiment "Norasia Melita", u
Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 1 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Lulju 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta' Invicta Limited importat mill-Italja hames (5) pallets b'kaxxi tal-kartun go fihom kontenenti parts ghal siggijiet li gew trasportati mis-socjeta' estera Traver S.R.L. f'container li tghabba fuq il-bastiment Norasia Melita ghall-vjagg lejn Malta (Dok. A u B);

Illi meta fit-8 ta' Awissu 1994 (Dok. C) l-importatur mar jirtira l-merkanzija wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fil-5 ta' Awissu 1994 (Dok. D), huwa sab in-nuqqas u l-hsara indikati fl-anness Schedule tal-information Form tal-Institute of London Underwriters (Dok. E);

Peress illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici (Dok. F), l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u ghal-hsara li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' erba' mija u

hamsin lira hamsin cetezmu (Lm435.50c) li minnhom sitta u hamsin lira (Lm56) kien agency fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. G u H);

Illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hsara fuq riferita, u ghalkemm interpellati biex ihallsu d-danni, baqghu inadempjnti (Dok. I sa L);

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u ghall-hsara fuq indikata;

2. tikkundannahom nomine jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' erba' mija hamsa u tletin lira hamsin centezmu (Lm435.50) li minnhom sitta u hamsin lira (Lm56) kien agency fees in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic- cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes, kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" giet sbarkati minn gol-container nru. NSLU 220930/9 bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet nru. 74528. (Dok ED1).

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela noe jissolleva li ma' kienx fi kwelunkwe kaz responsabbli ghal kwelunkwe hsarat u nuqqas allegat mis-socjeta' attrici u dana ai termini tar-regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966 (KF. 28.3.94. Dr. Philip Manduca vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 676/92F).

3. Illi fit-tielet lok ai termini ta' l-artikolu 70 tal-Port Regulations ta' l-1966 (Amended by Legal Notice 28/73) li jistipola li "in the case of unit loads or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulations, give a receipt for the quantity only of unit loads received from the ship". unit load skond l-Att IX ta' l-1973 inter alia jinkludi vehicles or trailers rolled on or off a ship. dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta konvenuta minn kull risponsabbilita.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi esebit ic-cheque li bih sar il-pagament.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall premess ghandu jigi provdut kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm379.50,0 bhala allegati danni.

6. Illi dwar is-survey fees, wiehed jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Dr. Robert Staines vs Godwin Abela - AK 6.4.92. qatt ma jithallsu mill-importatur u qatt ma jkun hemm surroga ghalihom u li huma deskritti bhala "agency fees" fl-interess tas-socjeta attrici proprio li bhala tali m'ghandha ebda LOCUS STANDI vis-a-vis l-eccipjenti.

7. Illi fis-seba lok u bla pregudizzju ghall premess ma' hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u/jew nuqqasijiet u li ghad iridu jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisa u li s-socjeta' esponenti qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni. illi di piu din tittratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidazzjoni u dan jig stabbilit biss permezz ta' sentenza iktar u iktar meta s-socjeta esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza.

8. Illi ghall dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ronald Naudi et nomine fejn qalu:

1. Illi r-reklam li s-socjeta attrici ghamlet lis-socjeta konvenuta ma sarx fit-terminu ta' tliet ijiem kif stipulat fil-Hague Rules li huma inkorporati fil-polza tal-kariku;

2. Illi minghjr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghal danni peress li skarikat il-merkanzija kollha fi stat tajjeb u fit-totalita' kif jidher mit-tally sheet li hija esebita (Dok. "A")

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' Invicta Ltd importat mill-Italja parts ghal siggijiet. Dawn kienu go kaxex tal-kartun f'hames pallets li kienu go groupage container li wasal Malta fuq il-vapur Norasia Melita fil-5 ta' Awissu 1994. It-trasportaturi kienu Traver S.R.L. li huma rapprezentati f'Malta mis-socjeta' konvenuta Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.

Mill-polza ta' kariku (Dok. A a fol. 6 tal-process) jirrizulta li l-merkanzija tghabbiet "clean on board", cioe' fi stat tajjeb. M'hemmx dubju ghalhekk li t-trasportatur kellu jwassal din il-merkanzija fl-istess kondizzjoni, cioe' fi stat tajjeb. Meta sar id-"destuffing" f'Pinto Annexe wara l-ksur tas-sigilli, irrizulta li l-merkanzija mertu ta' din il-kawza ma kenitx fl-istess kondizzjoni.

Skond il-joint tally sheet (Dok. ED1 a fol. 27 tal-process) esebit mill-konvenut Godwin Abela nomine l-istat ta' din il-merkanzija kien hekk: 18-il bundle, 8 cartons li minnhom "1 ctn dgd", 1 lot li kien "loose", u 3 pallets. Il-joint tally sheet esebit minn Ronald Naudi nomine (Dok. RN a fol. 64 tal-process) jaqbel mad-Dok. ED1 hlief li ghal dak li jirrigwarda l-"cartons", wiehed minnhom hu deskritt bhala "open". Il-merkanzija ghaddiet f'din il-kundizzjoni lis-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-merkanzija giet rilaxxata lill-burdnar tas-socjeta' Invicta Ltd fit-8 ta' Awissu 1994 u skond il-Gate Pass-Out (Dok. C a fol. 10 tal-process) kien hemm "2 pallets open – Contents loose". Carmel Mallia kkonferma (fol. 75 tal-process) li l-merkanzija kkonsenjaha hekk lis-socjeta' Invicta Ltd. Anthony Spiterimanager ta' din is-socjeta', ikkonferma wkoll li tnejn mill-hames pallets waslulhom miftuha u parti mill-kontenut kien imxerred u bil-hsara. Ghalhekk sar "claim" mas-socjeta' assikuratrici.

Konsegwentement sar survey minn John Borg Bellanti li rrediga s-survey report Dok. E (a fol. 12 tal-process). Minn hemm jirrizultaw il-hsarat u n-nuqqasijiet riskontrati. Importanti d-deskrizzjoni moghtija mis-surveyor:

*"The carton boxes pertaining to the two loose pallets were found to be holed in places and torn open with  evident signs that pilferage had occurred. Furthermore, many of the cartons were crushed with the cardboard buckled in places – possibly due to heavy cargi having been stowed on top of the boxes during transit. The contents of these cartons were found in a damaged condition."*

Sussegwentement thallset lis-socjeta' Invicta Ltd is-somma ta' Lm379.50 a tenur tal-polza ta'assikurazzjoni.

Fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta Unispeed Shipping and Forwarding Ltd tghid li skarikat il-merkanzija kollha fi stat tajjeb u fit-totalita'. Ghalkemm mill-joint tally sheets ma jirrizultax jekk kienx hemm jew x'kienu n-nuqqasijiet, l-istess tally sheets jindikaw li l-merkanzija ma gietx skarikata fi stat tajjeb. Ghalhekk ir-responsabbilta' ghandha tigi akkollata fl-intier lit-trasportaturi.

L-istess socjeta' qed teccepixxi wkoll illi r-reklam li s-socjeta' attrici ghamlet lilha ma sarx fit-terminu ta' tlett ijiem kif stipulat fil-Hague Rules li huma nkorporati fil-polza ta' kariku. Dwar dan pero' l-istess socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

In vista tal-fatt li r-responsabbilta' ghan-nuqqas u hsara qed tigi addebitata lis-socjeta' konvenuta Unispeed Shipping and Forwarding Ltd., qed tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. tipprovdi peress li ghad-danni se taghmel tajjeb is-socjeta' konvenuta l-ohra m'hemmx ghalfejn inqisuhom aktar. Billi l-attur nomine qieghed jitlob il-hlas ta' somma bhala "agency fees" kif ukoll il-hlas ta' interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, il-Qorti se tipprovdi hekk:

L-"agency fees" mitluba m'huma xejn hlief "survey fees" li thallsu lis-surveyor. Fil-kaz in ezami l-attur nomine mhux biss talab rifuzjoni ta' dak li thallas lis-socjeta' assikurata izda anke ta' dak li thallas lis-surveyor. Biex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara li saret f'dan il-kaz kien xieraq li jsir survey. Il-htiega ghas-survey u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk huwa xieraq li min jahti ghall-hsara jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara.

Dwar l-interessi, l-attur nomine specifika l-ammont ta' danni li jippretendi li ghandhom jithallsu u ma talabx il-likwidazzjoni tad-danni.

Billi ghalhekk l-ammont kien maghruf, l-interessi jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela nomine u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ronald Naudi et nomine u tilqa' t-talbiet attrici billi

(1) tiddikjara lill-konvenuti Ronald Naudi u Philip Meli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Unispeed Shipping and Forwarding Limited, agenti Malta tas-socjeta' estera Traver S.R.L., responsabbli - ghan-nuqqas u hsara fuq indikat, u
(2) tikkundanna lill-istess Ronald Naudi et nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma komplessiva mitluba ta' Lm435.50 in linea ta' danni bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-istess Ronald Naudi et nomine salv dawk ta' Godwin Abela nomine li jithallsu mill-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**